## KIEKU L-BNEDMIN . . . .

*Kien ilu jafha s-snin. Fil-kenn ta' qalbhom*
*Inħabbu b'seħer ta' sbuħija u għana;*
*B'taħbita waħda kien iħeġġeġ talbhom:*
*Ixxerrdu l-ġmiel u jkattru l-qlub ferħana.*

*Hu kien Poeta, hi Xitla ta' ward sbejjaħ:*
*Xħin qalbha kienet tfur bil-poeżija,*
*Troddlu l-ftit ilma f'bukkett ġmiel u fwejjaħ,*
*Hienja li tat hi wkoll farka sbuħija.*

*"Ja Xitla ħelwa, bint il-ġonna mżejna,*
*— Qalilha bi tnehida — int qdejtu sewwa*
*Sehmek fuq l-art u, bħala dawl f'għajnejna,*
*Bqajt tgħix għall-ideal ta' ġmiel u ħlewwa.*

*Kemm isbaħ kienet tkun din l-art imsejkna*
*Kieku l-bnedmin jixbhuk, ja Xitla ċkejkna!"*

DUN FRANS CAMILLERI

## IMNALLA DARBA BISS!

*Il-ġdid jeqdiem quddiem għajnejna mġarrba*
*Bħal tlugħ u nżul ix-xemx matul is-snin.*
*L-egħġubijiet — is-sħarijiet ta' darba —*
*Jiddu u jintfew fil-ħajja tal-bnedmin.*

*U drajna, bħal kull għaġeb tan-Natura,*
*L-isħra ta' għerf ix-Xjenza: minn ġuf l-art,*
*Mill-ajru u l-baħar ħwejjeġ kbar mostura*
*Rajna jinfetħu kif naraw il-ward.*

*Sa l-firda mill-għeżież li kienu magħna,*
*U l-għażż, is-serq u l-għajb nidraw biż-żmien.*
*Il-lum ħmuret il-wiċċ u l-biki tagħna*
*Jgħibu malajr bħax-xema' fin-nirien.*

*Imnalla darba l-mewt, biex qatt nidrawha,*
*Għax kieku d-dinja ta' taħt fuq narawha!*

DUN FRANS CAMILLERI